# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-16 ta' Marzu, 2016**

**Rikors Numru 1223/2015**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C – 3177)**

**vs.**

**b'digriet datat il-11 ta' Jannar, 2016,**
**gie mahtur Dr Michael Spiteri bhala**
**kuratur tal-fallut Joseph Gatt u Mariella Gatt**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat il-30 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu r-rapprezentant tal-Bank rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta datata d-9 ta' Gunju, 2004, l-intimati konjugi Gatt kienu kanonizzati debituri tal-Bank rikorrenti fis-somma ta' tmintax il-elf, sitt mija u erbgha u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu, (€18,634.94), (ara foll 3 *et sequitur*);

1.2. Illi l-istess intimati Gatt baqghu debituri tal-Bank rikorrenti;

1.3. Illi mid-data tal-imsemmija sentenza, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel, ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin;

1.4. Illi *ai termini* tal-artiklu 258(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-Bank rikorrenti qed jitlob li jkun awtorizzat jezegwixxi l-istess sentenza fl-ismijiet premessi fuq indikati ghall-bilanc rimanenti lilhu dovut mill-konjugi intimati;

1.5. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti biex din:

1.5.1. Tawtorizzah, *ai termini* tal-artiklu 258(a) tal-Kap 12 *de quo*, biex jezegwixxi s-sentenza fuq indikata datata d-9 ta' Gunju, 2004, *stante* li ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin u li l-kreditu dovut mill-imsemmija intimati ghadu ma giex saldat;

1.5.2. Bl-ispejjez;

2. Rat ir-rikors ulterjuri tal-Bank rikorrenti datat il-5 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu, l-Bank *de quo* talab, ghar-ragunijiet hemm minnhu indikati li jinbidel l-okkju tal-kawza kif hemm indikat, (ara foll 14);

3. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm sintetikament espressi, awtorizzat il-korrezzjoni fl-okkju rikjesta, (ara foll 14 u 15);

4. Rat in-nota datata s-26 ta' Jannar, 2016, li permezz taghha l-abbli avukat hemm indikat ipprezenta d-dikjarazzjoni minnhu hemm prodotta, (ara foll 16);

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-Bank rikorrenti jikkonferma bil-gurament tieghu li minn dakinhar sad-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur is-sitwazzjoni baqghet invarjata;

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

7. Illi tirrileva li l-kuratur nominat baqa` fi stat ta' kontumacja *stante* li ghazel li ma jintavola l-ebda risposta guramentata skont il-ligi fir-rigward;

8. Rat il-verbal taghha datat l-1 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu awtorizzat lill-kuratur *nomine* biex, *ai termini* tal-artiklu 170(1) tal-Kap 12 fuq gia` riferit jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu sat-terminu hemm indikat, (ara foll 27);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li l-Bank rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet tal-istess Bank rikorrenti:

**DECIDE:**

9.1. Tawtorizza lill-istess Bank biex *ai termini* tal-artiklu 258(a) tal-Kap 12 in dizamina jezegwixxi s-sentenza fuq indikata, datata d-9 ta' Gunju, 2004, *stante* li ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin u li l-kreditu dovut ghadu ma giex saldat;

9.2. Illi pero`, in vista tal-falliment tal-intimati konjugi Gatt gia` konklamat bi proceduri separati, l-ispejjez ta' din il-procedura jkunu a karigu tal-Bank rikorrenti.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**